MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 217/1991/1

**Jane Rocco f'isimha *proprio* u bħala mandatarja ta' ħuha msiefer Emanuel Tabone; u b'dikriet tat-18 ta' Mejju 2006 l-Avukat Richard Sladden u l-Prokuratriċi Legali Luisa Tufigno nħatru kuraturi sabiex jidhru għall-werriet mhux magħrufa tal-istess Emanuel Tabone li miet waqt li miexja l-kawża**

***Versus***

**Theresa mart Salvino Bianco u l-istess Salvino Bianco bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu u għal kull interess li jista' jkollu**

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-immissjoni fil-pussess ta' prelegat, fil-każ tal-attriċi Jane Rocco, u ta' legat, fil-każ tal-attur Emanuel Tabone, mingħand il-konvenuta.
2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-atturi Jane Rocco u Emanuel Tabone u l-konvenuta Theresa Bianco huma

aħwa. Adelina armla ta’ Anthony Tabone, ommhom, illum mejta, kienet irregolat il-wirt tagħha b’żewġ testmenti, wieħed tad-19 ta’ Diċembru 1986 u l-ieħor tal-20 ta’ Marzu 1987, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Francis Micallef. It-testatriċi ħatret lill-attriċi Jane Rocco bħala werrieta waħdanija tagħha u ħalliet bi prelegat lill-istess attriċi l-fond 15, Triq San Tumas, il-Ħamrun, b’legat lill-attur Emanuel Tabone l-fond 239, Triq Ħal Qormi, il-Marsa, u b’legat lill-konvenuta fond f’Birkirkara u ieħor fil-Floriana.

3. Il-fondi mħollijin b’legat kienu tal-komunjoni tal-akkwisti tat-testatriċi u żewġha, li kien miet qabilha, u għalhekk it-testatriċi kellha biss in-nofs waqt illi n-nofs l-ieħor huwa tal-partijiet bħala werrieta ta’ missierhom; madankollu t-testatriċi riedet li l-prelegat u l-legati jkollhom effett għall-intier u mhux biss għas-sehem tagħha, u għal-hekk fit-testment għamlet l-istqarrija li jrid l-art. 698 tal-Kodiċi Ċivili.

4. Il-konvenuta ġà għandha f’idejha l-fondi mħollija lilha b’legat iżda ma tridx tagħmel l-immisssjoni fil-pussess favur l-atturi tal-fondi mħollija lilhom għas-sehem li ma kienx tat-testatriċi. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

i. tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju hija tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att meħtieġ sabiex issir favur l-atturi l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat u tal-legat lilhom imħollija;

ii. taħtar nutar biex jippubblika l-att u kuratur biex jidher f’isem il-konvenuta jekk tibqa’ kontumaċi; u

iii. tiffissa jum, ħin u post għall-pubblikazzjoni.

5. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża u dawk ta’ ittra uffiċjali tal-14 ta’ Jannar 1991.

6. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. il-konvenut Salvino Bianco ġie mħarrek għalxejn u għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

ii. it-tieni talba għandha tiġi miċħuda għax mhix il-prattika li jinħatar nutar biex jidher għal konvenut li jkun kontumaċi, iżda għal dan il-għan jinħatru kuraturi; barra minn hekk, ma ntalbitx il-ħatra ta’ nutar biex jippubblika l-att – din l-eċċezzjoni ngħatat għax oriġinalment l-atturi fit-tieni talba tagħhom kienu talbu biss li jinħatar nutar biex jidher għall-konvenuta jekk din tibqa’ kontumaċi; wara li b’dikriet tal-31 ta’ Ottubru 1991 il-qorti ordnat korrezzjoni

fit-talba, biex issa qiegħda tintalab il-ħatra ta’ kuraturi biex jidhru għall-kontumaċi u nutar biex jippubblika l-att, din l-eċċezzjoni ma għadhiex relevanti; u

iii. fil-meritu, il-konvenuta Theresa Bianco kellha kull jedd illi tirrifjuta li tersaq għall-kuntratt ta’ immissjoni fil-pussess għax hemm disgwid serju bejn il-partijiet dwar il-konsistenza tal-assi u hemm ammonti kbar li qegħdin jiġu mistura mill-attriċi bi preġudizzju għall-istess konvenuta.

7. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, fosthom ukoll ir-relazzjoni tal-perit legali, u rat ukoll il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2011, il-qorti hija tal-fehma illi għandha qabel xejn tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

8. L-artt. 726(1) u 836 tal-Kodiċi Ċivili jgħidu hekk:

**726.** (1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.

**836.** Il-pussess ta’ ħwejjeġ il-mejjet igħaddi, bis-saħħa tal-liġi, b’mod ta’ kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew leġittimu, bl-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt.

9. Fil-każ tallum il-pussess tal-fondi mħollija bi prelegat u b’legat lill-atturi, kwantu għan-nofs indiviż li ma kienx tat-testatriċi, ma għaddiex għand l-attriċi bħala werrieta, appuntu għax ma kienx fost il-“ħwejjeġ tal-mejta”, u kien għalhekk li l-atturi fetħu din il-kawża kontra l-konvenuta, biex din tagħtihom is-sehem tagħha tal-ġid li tħalla lilhom bi prelegat u b’legat u hekk jiksbu l-proprjetà tal-intier, kif riedet it-testatriċi.

10. Madankollu, “l-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt” jaqa’ fuq il-werriet, mhux fuq il-legatarju. Il-prelegat u l-legat imħollija mit-testatriċi huma fost “il-piżijiet tal-wirt” u għalhekk l-obbligu li tħallas dawk il-prelegat u legat jaqa’ fuq l-attriċi Jane Rocco bħala werrieta u mhux fuq il-konvenuta Theresa Bianco bħala legatarja. Il-konvenuta kien ikollha l-obbligu tagħmel dak mitlub mill-atturi, *i.e.* l-immissjoni fil-pussess, li kieku kienet hi wkoll werrieta u għalhekk mgħobbija bil-piżijiet tal-wirt.

11. Madankollu, legatarju jista’ jkun marbut illi jħallas legat ta’ ħaġa li tkun proprjetà tiegħu fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artt. 696, 697 u 698 tal-Kodiċi Ċivili.

**696.** (1) Il-legat tal-ħaġa ta’ ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf

li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha.

(2) Iżda, jekk il-ħaġa hekk imħollija b'legat, għalkemm tkun ta' ħaddieħor fi żmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, il-legat ta' dik il-ħaġa huwa validu.

**697.** Id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll jekk il-ħaġa mħollija b'legat tkun tal-werriet, jew tal-legatarju inkarigat fit-testment biex jagħtiha lil terza persuna.

**698.** Jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa, il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu kollha.

12. Fit-testment saret l-istqarrija illi t-testatriċi taf illi l-ġid imħolli bi prelegat u b'legat ma huwiex kollu tagħha iżda ma jingħadx espressament illi l-konvenuta bħala legatarja hija "inkarigata" biex tagħti s-sehem tagħha lill-atturi, kif irid l-art 697.

13. Madankollu, fil-fehma tal-qorti huwa ċar illi dan kien il-ħsieb tat-testatriċi. It-testatriċi kienet taf – u hekk qalet fit-testment – illi l-ġid ma kienx kollu tagħha. Kienet taf ukoll li s-sehem li ma kienx tagħha kien ta' wliedha, il-partijiet, bħala werrieta ta' missierhom, li wirtu s-sehem ta' missierhom mill-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk, ukoll jekk ma qalitx hekk espressament, il-ħsieb tagħha kien illi, biex titwettaq l-aħħar rieda tagħha, kull wieħed u waħda mill-partijiet jagħti s-sehem tiegħu biex jitħallas il-legat.

14. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-fatt illi l-konvenuta hija biss legatarja ma huwiex ta' ostakolu għat-talbiet tal-atturi.

15. Il-konvenut Salvino Bianco, żewġ il-konvenuta, iżda, ma għandu ebda obbligu taħt it-testment. Kien imħarrek biss għax, fiż-żmien meta nfetħet il-kawża, ir-raġel kien amministratur tal-beni parafernali ta' martu iżda llum ma għadux meħtieġ li jkun parti fil-kawża. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għalhekk għandha tintlaqa' u l-konvenut Salvino Bianco għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

16. It-tielet eċċezzjoni – illi hemm disgwid bejn il-partijiet dwar il-konsistenza tal-wirt għax l-attriċi qiegħda tistor xi

beni – ma għandha ebda relevanza għall-meritu tal-kawża. Kif sewwa osserva l-perit legali, il-konvenuta ma għamlet ebda kontro-talba għall-ħlas tas-sehem riżervat għall-ulied u għalhekk li hu relevanti għall-għanijiet tal-kawża huwa dak li jingħad fit-testment dwar il-legati u mhux il-beni l-oħra tal-wirt. It-tielet eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

17. Fil-meritu, id-dispożizzjonijiet testamentarji li bihom it-testatriċi ħalliet il-prelegat u l-legat lill-atturi saru sew, u saret ukoll mit-testatriċi l-istqarrija li trid il-liġi biex ikun jiswa legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor, u ma nġiebet ebda prova li l-konvenuta irrinunzjat għal-legat imħolli lilha biex teħles mill-obbligu li tagħti sehemha biex jitħallas il-legat lill-atturi. It-talbiet tal-atturi għalhekk għandhom jintlaqgħu.

18. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u teħles lill-konvenut Salvino Bianco mill-ħarsien tal-ġudizzju, ma tqisx it-tieni eċċezzjoni u tiċħad it-tielet eċċezzjoni, tilqa' t-talbiet tal-atturi: tikkundanna lill-konvenuta sabiex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegat ta' sehemha mill-fond numru 15 Triq San Tumas, il-Ħamrun, favur l-attriċi Jane Rocco u tal-legat ta' sehemha mill-fond numru 239, Triq Ħal Qormi, il-Marsa favur il-wirt tal-attur Emanuel Tabone.

19. Taħtar lin-Nutar Francis Micallef sabiex jippubblika l-att fil-bini tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta, nhar il-Ġimgħa, 6 ta' April 2012 fl-10.30 *a.m.* u taħtar lill-Avukat Thomas Abela bħala kuratur sabiex jidher f'isem il-konvenuta jekk din tonqos li tersaq għall-pubblikazzjoni.

20. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu fis-sehem ta' wieħed minn tlieta (⅓) mill-attriċi Jane Rocco, fis-sehem ta' wieħed minn tlieta (⅓) mill-wirt tal-attur Emanuel Tabone, u fis-sehem ta' wieħed minn tlieta (⅓) mill-konvenuta Theresa Bianco. Kif igħid u jrid l-art. 726(3) tal-Kodiċi Ċivili, l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni tal-att ta' immissjoni fil-pussess iħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------